**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 t'April, 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 64/2015 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:

[1] Fol. 1.

1. *Illi minn relazzjoni extra-maritali li l-partijiet kellhom flimkien twieldet tarbija li ġġib l-isem ta' H B D, imwielda nhar it-23 ta' Frar 2013 kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid immarkat Dok C;*

2. *Illi sussegwentament ir-relazzjoni ta' bejniethom sfaxxat għal kollox u minkejja dan, sa mill-bidunett ir-rikorrenti xtaq ikun involut fit-trobbija ta' bintu iżda għal xi raġuni jew oħra kellu jsaqqaf wiċċu ma diversi diffikultajiet u xkiel żejjed daparti tal-omm b'dana illi l-aċċess tal-missier versu bintu kien wieħed limitat għall-aħħar tant li kien qiegħed jara lil bintu biss għal madwar erbgħa sigħat fil-ġimgħa, fil-preżenza tal-omm biss, u mingħajr ma bintu titħalla toħroġ mid-dintorni tal-komun tar-residenza tagħha, u dana mingħajr ma' l-esponenti qatt ingħata raġuni;*

3. *Illi konsegwenza ta' dawna l-fatti kellha tinbeda l-medjazzjoni sabiex b'hekk ikunu regolati l-kura u kustodja, l-aċċess, u l-manteniment pagabbli minnu bħala missier, u b'hekk il-missier ikun jista' jibda l-proċeduri sabiex jottjeni aċċess denju;*

4. *Illi l-esponent intavola rikors f'l-atti tal-medjazzjoni fejn huwa talab li jkunu regolati l-ħinijiet u l-ġranet tal-aċċess u konsegwentament dina l-Onorabbli Qorti akkordat aċċess limitat ħafna fis-sens illi l-aċċess kellu jiġi eżerċitat nhar ta' Tlieta mill-ħamsa ta' wara nofsinhar (5:00PM) sas-sitta ta' filgħaxija (6:00PM), u nhar ta' sibt bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00AM) u nofsinhar (12:00PM), u dejjem fil-preżenza tal-omm (Ara Dok. B) – total ta tliet sigħat kull ġimgħa, u dana in vista tal-kontenut tar-risposta tal-omm fejn intqal li l-istess minuri tbati minn kondizzjoni magħrufa bħala immature swallowing reflax konsegwenza ta' liema kondizzjoni l-minuri tista' tesperjenza episodji ta' fgar (choking). Kienet għalhekk l-opinjoni tal-espert pedjatra Dr. Pharrah Debono li l-minuri kellha tinżamm taħt il-kura ta' omm matul il-ħinijiet kollha, u dana minħabba li l-omm kienet ġiet mgħallma first aid bażiku f'każ li l-minuri tkun teħtieġ l-assistenza b'mod immedjat;*

5. *Illi in vista tal-premess u konsegwenza tal-fatt illi kif ingħad l-esponent huwa interessat u jixtieq ikun parteċipi fis-snin formattivi tal-minuri bintu, fuq inizjattiva tiegħu stess, kemm ir-rikorrent u kif ukoll ommu attendew għal kors tal-first air li naturalment kien jinkludi sessjonijiet dwar pedjatrija*

*u assistenza f'episodji ta' choking kif ser jiġi pprovat fis-smiegħ u t-trattazzjoni ta' dina l-kawża. Illi nonostante cioe u għal raġunijiet li tafhom l-omm biss, il-konvenuta baqgħet tinsisti li kienethija l-unika persuna li taf tieħu ħsieb lil bintha, u anke jekk dak li ġiet mgħallma kienu biss tekniċi bażiċi ta' first aid, insistiet mal-esponent illi hija biss kienet taf x'kellu jsir f'każ ta' emerġenza. Illi l-esponent saħansitra staqsa lill-omm u talabha tgħidlu x'deherilha li kellu jitgħallem aktar u x'kien qiegħed jinkwieta lill-omm iżda hija ma tat l-ebda tweġiba konkreta u kredibbli u deher biċ-ċar illi aktar milli tħassib ġenwin ta' ġenitur, dawn tal-omm ma kienu xejn ħlief skużi intiżi biss biex jaqtgħu qalb il-missier u sabiex ikomplu jaljenawh mid-drittijiet tiegħu versu l-minuri bintu. U jiġi eskluż minn ħajjet u l-iżvilupp tal-minuri;*

6. *Illi għad li l-esponent jifhem u japprezza s-serjeta' ta' dawn iċ-ċirkostanzi mediċi, u proprju kien għalhek li huwa stess minn jeddu ħa l-inkarigu u attenda għal dawn is-sessjonijiet tal-first aid, issa li huwa edott minn dak kollu li huwa meħtieġ sabiex jitratta ma bintu f'każ ta' emerġenza, umilment jiġi sottomess illi m'għandux jibqa' jiċċaħħad mid-dritt tiegħu li jgawdi lil bintu bħal kull ġenitur denju ieħor;*

7. *Illi minkejja kull tentattiv tal-esponent l-partijiet ma waslux fi qbil dwar dan u konsegwenza ta' dan ġiet itterminata l-medjazzjoni u l-partijiet ġew awtorizzati jipproċedu b'kawża fit-termini tal-liġi nhar l-24 ta' Frar 2015, kopja ta' liema digriet qiegħed jiġi hawn anness u esebit bħala Dok C;*

8. *Illi fil-frattemp l-esponent qiegħed jissomministra manteniment għat-trobbija ta' bintu, u dana fit-termini tad-digriet I qiegħed jiġi hawn anness u esebit bħala Dok D;*

9. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

10. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Takkorda konġuntivament lill-partijiet il-kura u kustodja tal-minuri;*

2. *Takkorda aċċess lil missier versu l-minuri bintu, liema aċċess għandu jiġi eżerċitat f'żewġ okkazzjonijiet fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa, u liema aċċess għandu jkollu durata ta' tlett sigħat fiż-żewġ okkażjonijiet, u aċċess matul il-ġranet ta' tmiem il-ġimgħa liema aċċess m'għandux ikollu durata ta' anqas minn ħames sigħat;*

3. *Takkorda aċċess matul il-ġraet ta' tmiem il-ġimgħa, inkluż bi sleepovers, mill-Ġimgħa sas-Sibt, u mis-Sibt għal Ħadd b'mod alternat, liema sleepovers m'għandhomx jibdew jiġu eżerċitati sakemm il-minuri tagħlaq it-tlett snin eta';*

4. *Takkorda aċċess lir-rikorrenti f'għeluq jum snin, għeluq snin il-minuri, Jum il-Missier, Milied u l-Ewwel tas-sena ta' erba' sigħat kull darba;*

5. *Il-manteniment pagabbli mill-missier lill-omm għat-trobbija ta' bintu skont id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 2 ta' Diċembru 2014 anness u esebit bħala Dok. D;*

6. *Tagħti dawk il-provvedimeti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-iben minuri fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan kollutaħt kull provvediment xieraq u opportune li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inġunta għas-subizzjoni u b'riserva għal kwalsiasi azzjoni oħra.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta C D,[2] fejn ġie eċċepit:

*Illi filwaqt li l-esponenti taqbel mal-ewwel paragrafu tar-rikors ġuramentat, hija ma taqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet magħmula mill-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu u dana stante li l-istess huma invertieri u nfondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

[2] Fol. 24.

*Illi l-esponenti tissottometti, illi missier bintha huwa ġuvni immatur u rresponsabbli li la qatt ma mar vista mal-esponenti meta kienet tqila b'bint il-partijiet u li dejjem għażel li jabbanduna kemm lill-esponenti u kemm lill-minuri, u dana għal diversi drabi u dan kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża;*

*Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-minuri ssofri minn kundizzjoni ta' immature swallowing reflex u għalhekk għandha bżonn il-kura tal-omm f'każ li din il-kundizzjoni tavvera ruħha; liema kundizzjoni l-minuri H twieldet biha u ilha tiġi segwita mit-Tabiba tagħha sa mit-twelid;*

*Illi mhux minnu illi l-esponenti b'xi mod trid iċċaħħad lill-attur minn bintu, effettivament hija dejjem urietu lill-minuri kull meta huwa wera x-xewqa li jaraha. Madanakollu, kif ser jiġi pprovat ampjament fil-mori tal-kawża, jeħtieġ illi biex l-attur ikun jista' jieħu lit-tifla t'eta' tant tenera waħdu, jeħtieġ illi huwa l-ewwel jattendi għall-korsijiet speċifiċi, biex ikun jaf kif għandu jaġixxi kemm-il darba l-minuri jtiha xi attack u jkun waħdu magħha;*

*Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti topponi għat-talbiet kollha hekk kif esposti fir-rikors ġuramentat, u dana a bażi tas-segwenti:*

1. *Illi l-esponent qed topponi għall-ewwel talba tar-rikorrent u cioe' li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata f'idejn il-partijiet b'mod konġunt. Kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża, il-partijiet m'għandhomx relazzjoni tajba bejniethom u effettivament ftit li xejn jitkellmu; kif ben tgħallimna dil-Onorabbli Qorti, fejn id-differenzi tal-partijiet ikunu irrikonciljabbli, tant li ma jaqblu dwar xejn, il-kura u l-kustodja ta' minuri dejjem tiġi vestita f'idejn parti waħda jew oħra. F'dan r-rigward l-esponenti tirrileva illi l-minuri dejjem għexet magħha u kienet dejjem hi li kellha l-kura primarja tat-tifla, u għaldaqstant, certament li l-kura u l-kustodja tal-istess għandha tkun vestita fiha;*

2. *Illi l-esponenti ma topponix għat-tieni talba, limitatament għall-fatt illi r-rikorrent għandu jkollu aċċess versu bintu; adanakollu hi topponi li tali aċċess għamdu b'xi mod jiġi eżerċitat mir-rikorrent waħdu, mingħajr il-preżenza tal-esponenti omm; u dana għall-inqas sakemm il-minuri Cheyenne tagħlaq l-eta' ta' ħames snin, tkun tista' tesprimi ruħha sew jekk jagħtiha xi attack u qabel l-attur jattendi għall-kors speċifiku biex ikun jaf x'għandu jagħmel f'każ li l-minuri jtiha attack meta tkun waħidha miegħu;*

3. *Illi l-esponenti topponi wkoll għat-tielet talba tal-attur u dana limitatament sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' ħames snin, tkun tista' tesprimi ruħha sew jekk jagħtiha xi attack u qabel l-attur jattendi għall-kors kif fuq spjegat biex ikun jaf x'għandu jagħmel f'każ li l-minuri jtiha attack meta tkun waħdiha miegħu. Umilment jiġi sottomess illi kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża, il-kundizzjoni tal-minuri hija waħda serja li jekk ma tingħatax l-attenzjoni meħtieġa, tista' twassal biex il-bint tifga'. Jekk l-attur ser jibqa' jinsisti illi ma jattendix għall-kors mat-Tabiba Dr Pharrah Debono biex ikun jaf x'għandu jagħmel f'każ t'emerġenza, l-esponenti ma tista' qatt tasal tafdah waħdu u bil-lejl mal-minuri bint, li tant tetieġ attenzjoni u kura!*

4. *Illi l-esponenti ma topponix għar-raba' talba tal-attur, u dana dment illi hija tkun preżenti waqt l-istess okkażżjonijiet, sakemm il-minuri tagħlaq l-eta' ta' ħames snin jew tkun tista' tesprimi ruħha. Wara li l-minuri tagħlaq l-eta' ta' ħames snin u tkun tista' tesprimi ruħha sew jekk jagħtiha xi attak u wara li l-attur jattendi għall-kors meħtieġ biex ikun jaf x'għandu jagħmel f'każ I l-minuri jtiha attakk meta tkun waħidha miegħu, l-esponenti ma jkunx għad għandha oġġezzjoni għat-talba odjerna;*

5. *Illi l-esponenti lanqas ma taqbel mal-ħames talba tar-rikors ġuramentat, u dana l-għaliex minkejja li l-attur huwa ordat illi jħallas is-somma ta' Eur 200 kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-bintu flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, sal-ġurnata tal-lum, huwa għadu qatt ma ħallas għal ebda spejjeż in konnessjoni mal-edukazzjoni u saħħet il-minuri u dana minkejja li jaf, li l-mediċinali tal-minuri, anke minħabba l-kundizzjonijiet tagħha, huwa konsiderevoli. Umilment jiġi sottomess, illi jekk l-intimat ser jibqa' jirrifjuta u jonqos milli jħallas sehmu minn tali spejjeż, il-manteniment għandu jiġi rivedut u awmentat għal somma ikbar, biex ikopri tali spejjeż;*

6. *Illi l-esponenti mhux topponi għas-sitt talba tal-attur;*

7. *Illi finalment l-esponenti qed topponi għall-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur li hu minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-Att tat-Twelid ta' H B D, bin-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 1109 tas-sena 2013, fejn hemm imniżżel li twieldet nhar it-23 ta' Frar 2013;[3]

Rat id-digriet tal-24 ta' Frar 2015, fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'azzjoni;[4]

Rat l-affidavit tal-attur;[5]

Rat l-affidavit tal-konvenuta;[6]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imressqa u d-dokumenti eżebiti, liema xhieda ġew kollha miżmuma u mressqa quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien;[7]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet tal-attur,[8] u n-nota responsiva tal-konvenuta;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Din hija azzjoni li tirrigwarda l-minuri H B D. Il-partijiet kienu jiffrekwentaw lil xulxin u kellhom relazzjoni intima, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri H B D nhar it-23 ta' Frar 2013. Il-frekwentazjoni tal-partijiet intemmet żmien ilu, iżda

---

[3] Fol. 12.
[4] Fol. 13.
[5] Fol. 30.
[6] Fol. 291.
[7] Fol. 49, fejn ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2015.
[8] Fol. 390.
[9] Fol. 401.
[10] Fol. 389.

l-attur jisħaq illi huwa minn dejjem ried li jkun involut fit-trobbija ta' bintu, iżda skontu minħabba xkiel żejjed da parti l-attriċi, l-aċċess tiegħu għall-minuri kien limitat u dejjem eżerċitat fil-preżenza tal-omm. Konsegwenza ta' dan, l-attur kellu jibda bil-proċeduri odjerni sabiex is-sitwazzjoni rigward il-minuri tiġi formalment regolata permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti:

i. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita konġuntivament lill-partijiet;

ii. Takkorda aċċess għall-minuri matul il-ġimgħa, tmiem il-ġimgħa inkluż *sleepovers* u fil-jiem tal-missier, f'għeluq snin l-attur, f'għeluq snin il-minuri, fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena;

iii. Tiddikjara li l-konvenut kellu u għad għandu l-obbligu li *inter alia* jmantni u jikkontribwixxi għall-manteniment tal-minuri b'effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri;

iv. Tillikwida manteniment għall-ħtiġijiet u t-trobbija tal-minuri;

v. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni rigward il-minuri, li għandhom jirregolaw *inter alia,* is-safar, edukazzjoni, attivitajiet edukattivi u extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta permezz tar-risposta ġuramentata tagħha, eċċepiet illi mhux minnu li trid iċċaħħad lill-attur minn bintu, iżda targumenta illi biex huwa jkun f'pożizzjoni li jieħu t-tifla jeħtieġlu li jattendi għal korsijiet speċifiċi biex ikun jaf kif għandu jaġixxi stante l-kundizzjoni li ssofri minnha msejħa *immature swallowing reflex*. Il-konvenuta filwaqt li topponi li l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet, hija ma topponix li għandu jitħallas manteniment, u li jsir aċċess salv li dan isisr b'ċertu kundizzjonijiet.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:</u>*

Fl-affidavit tiegħu,[11] l-attur jispjega li huwa u l-konvenuta kienu għamlu żmien qasir joħorġu flimkien, u saru jafu li kien ser ikollhom tarbija flimkien wara proprju xahrejn biss li kienu qegħdin jiffrekwentaw lil xulxin. Huwa jisħaq illi għalkemm dak iż-żmien kien ħassu kemmxejn anzjuż dwar tali aħbar, huwa xorta waħda ħares 'il quddiem b'ottimiżmu u kien kuntent li kien ser isir missier. Magħdud ma' dan, l-attur jispjega illi matul it-tqala l-partijiet kienu marru jgħixu flimkien għal seba' (7) xhur sħaħ fid-dar tal-ġenituri tiegħu, u r-relazzjoni tagħhom kienet mixja sew. Madanakollu, xahar qabel il-ħlas, il-konvenuta rritornat lura għand il-ġenituri tagħha. Mat-twelid tat-tarbija, il-partijiet kienu qablu li jgħixu fid-dar tal-ġenituri tal-konvenuta matul il-ġimgħa, filwaqt li xi *weekends* iqattgħuhom għand l-attur. Nonostante tali ftehim u fil-fehma tal-attur, il-konvenuta kienet viżibilment skomda għand il-ġenituri tal-attur, tant li allegatament inqala' argument u l-ġenituri tal-attur talbu lill-konvenuta sabiex ma torqodx iktar fid-dar tagħhom. B'hekk il-partijiet kienu jmorru għand il-ġenituri tal-attur għal ftit siegħat nhar ta' Ħadd fuq insistenza da parti tal-konvenuta. Fid-dawl ta' tali aġir, l-attur beda jħoss li l-konvenuta kienet qiegħda tagħmel minn kollox sabiex lit-tifla taħbiha minn familtu.

Magħdud mal-premess, l-attur jisħaq ukoll illi meta l-konvenuta kienet tkun xogħol nhar ta' Sibt, kienet issib kull skuża biex lit-tifla ma tħallihiex miegħu iżda tħalliha ma' ommha. Għal tali aġir, jgħid li qatt ma ngħata raġuni. Madanakollu issa jemmen li sa mill-bidu nett il-konvenuta kienet tagħmel ħilitha biex ixxekkel ir-relazzjoni tiegħu mal-minuri, filwaqt li trabbi lill-minuri fl-ambjent ta' familtha biss. Fil-fatt jisħaq li minn familtu, l-uniċi persuni li raw lil minuri kienu ommu, missieru, oħtu, l-għarus tagħha, u żewġ zijiet. Għalhekk, ir-relazzjoni tal-partijiet bdiet sejra għall-agħar, għaliex l-attur ma kienx kuntent bil-mod kif kienu qegħdin jiġu trattati hu u familtu.

Fl-affidavit tiegħu l-attur jagħmel ukoll referenza għal episodju partikolari li seħħ nhar is-7 ta' Ġunju 2013 meta l-konvenuta kienet fil-kamra tiegħu bit-tifla fil-preżenza ta' oħtu. F'tali episodju huwa jgħid illi waqt argument, il-konvenuta kienet daret fuq oħtu u qaltilha *"ħa, ħudha!"*, kienet ħebbet u pprovokat lill-attur, u imbuttatu fuq il-gwardarobba. L-attur isemmi ukoll episodju ieħor fejn waqt li kien għand ommha, kienet qaltlu li kienet tħobbu bħala ħabib, u waqt li ħareġ fil-

[11] Fol. 30.

gallarja kien semagħha tgħid lil ommha li jekk mhux ser jieqaf idejjaqha kienet ser tifqa' tazza ġo wiċċ l-attur.

Wara l-imsemmija episodji, l-attur jispjega li beda l-medjazzjoni bl-intiża li jikseb dak li bi dritt huwa tiegħu. F'dan il-perjodu huwa ġie muri ċertifikat li t-tifla tbati minn kundizzjoni msejħa *immature swallowing reflex*. Huwa jgħid illi ma kienx mgħarraf b'din il-kundizzjoni, iżda kien ġie sempliċiment muri dokument mill-konvenuta li kien jgħid li hija attendiet xi sessjonijiet dwar *choking* ma' tabib, iżda min-naħa l-oħra meta l-minuri ttiehdet l-isptar u l-konvenuta ġiet mistoqsija jekk it-tifla tbatix minn xi kundizzjoni, hija wiġbet fin-negattiv. Nonostante li issa ġie mgħarraf b'din il-kundizzjoni, l-attur jgħid illi qatt ma ra dokumentazzjoni minn konsulenti speċċjalizzati fil-qasam iżda ra biss ċertifikat ta' tabib. Barra minn hekk u biex ikun jista' jara lil bintu, flimkien ma' ommu, huwa attenda u segwa l-kors tal-*first aid* li jinkludi sessjonijiet dwar *choking* – liema sforz kien kollu inutli hekk kif il-konvenuta għadha iċċaħdu mid-drittijiet tiegħu.

Fil-fehma tal-attur, huwa dejjem qeda d-dmirijiet tiegħu u refa' r-responsabbilita' ta' missier. Iħossu mweġġa' hekk kif ġie mgħarraf illi l-konvenuta tkun mal-għarus il-ġdid tagħha flimkien mat-tifla, fejn ikun qed imexxiha hu fil-*pushchair*, iżommilha idejha u jilgħab magħha, meta hu li hu missierha ftit li xejn igawdi lil bintu. Jispiċċa billi jtenni illi *"kull ma nixtieq huwa li ngawdi l-isbaħ żmien ta' ħajjet binti magħha, li nħobb lil binti bħal ma ħabbni missieri, u diġa' tlift ħafna ħin prezzjuż"*.[12]

F'affidavit ulterjuri,[13] l-attur jagħti rendikont ta' x'kien jiġri fil-passat qabel ma' nħarġu d-digrieti ta' din il-Qorti fir-rigward ta' manteniment u aċċess. Magħdud ma' dan, l-attur jallega illi *"Dr Pharrah Debono tikkonċedi ukoll li ċ-ċertifikat fejn jingħad li t-tifla tbati minn din il-kundizzjoni fil-fatt għamlitu "bi pjaċir" u mhux għax saru xi testijiet li kkonfermaw dan. Dan il-kliem Dr Pharrah Debono qalitu quddiemi u quddiem ommi u missieri meta morna biex nagħmlu kors sabiex nitħarrgu dwar il-kundizzjoni tat-tifla, biex inkunu nafu x'għandna nagħmlu f'każ li tixraq"*.[14] Barra minn hekk jiġi allegat ukoll li l-konvenuta għadha taħbi mill-attur dak kollu li għandu x'jaqsam mal-iskola u ma tinfurmah b'xejn. Jikkontendi

[12] Fol. 32.
[13] Fol. 70.
[14] Fol. 71.

li *"sa mnalla niehu nteress jien u nżomm kuntatt mal-iskola biex inkun naf xi jkun għaddej"*.[15]

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur jippreżenta:

i. *Dokument datat 10 ta' Jannar 2015 maħruġ minn awtorita' tas-saħħa, imsejħa bħala Nurses Check List*, fejn hemm imniżżel li l-minuri ma tbatix minn ebda kundizzjoni;[16]

ii. *Affidavit ta' missieru Mario B, ippreżentat u debitament maħluf nhar il-21 ta' Mejju 2019*,[17] fejn ikkonferma l-verżjoni ta' ibnu.

In kontro-eżami, l-attur ippreżenta l-FS3s u *payslips* tiegħu:

i. FS3 għas-sena bażi 2016, fejn id-dħul gross kien dak ta' €21,533;[18]
ii. FS3 għas-sena bażi 2017, fejn id-dħul gross kien dak ta' €20,010;[19]
iii. FS 3 għas-sena bażi 2018, fejn id-dħul gross kien dak ta' €18,593;[20]
iv. Payslip ta' Lulju 2019, fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,280.11;[21]
v. Payslip ta' Settembru 2019, fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,423.27;[22]
vi. Payslip ta' Jannar 2019, fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,278.21;[23]
vii. Payslip ta' Frar 2019, fejn id-dħul nett kien dak ta' €1,279.71;[24]
viii. Payslip ta' Marzu 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,298.58;[25]
ix. Payslip ta' April 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,244.61;[26]
x. Payslip ta' Mejju 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,209.92;[27]
xi. Payslip ta' Ġunju 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,416.02;[28]
xii. Payslip ta' Lulju 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,280.11;[29]
xiii. Paylsip ta' Awwissu 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,512;[30]

---

[15] Fol. 72.
[16] Fol. 73.
[17] Fol. 95.
[18] Fol. 311.
[19] Fol. 312.
[20] Fol. 313.
[21] Fol. 314.
[22] Fol. 315.
[23] Fol. 323.
[24] Fol. 324.
[25] Fol. 325.
[26] Fol. 326.
[27] Fol. 327.
[28] Fol. 328.
[29] Fol. 329.
[30] Fol. 330.

xiv. Payslip ta' Settembru 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,423.27;[31]
xv. Payslip ta' Ottubru 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,419.92;[32]
xvi. Payslip ta' Novembru 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,348.42;[33]
xvii. Payslip ta' Diċembru 2019, fejn id-dħul kien dak ta' €1,441.71;[34]
xviii. Payslip ta' Jannar 2020, fejn id-dħul kien dak ta' €1,277.85.[35]

*Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mressqa Minnha:*

Fl-affidavit tagħha,[36] il-konvenuta tispjega illi meta l-attur sar jaf li kienet ħarġet tqila huwa ma kienx ħa gost, tant li skontha *"hu baqa' isibha diffiċli sabiex ipoġġi lit-tifla l-ewwel u minflok xtaq ikompli igawdi ħajtu kif kienet qabel daqslikieku ma nbidel xejn"*.[37] F'dan ir-rigward il-konvenuta tagħti rendikont ta' dawk id-drabi fejn l-attur poġġa lilu nnifsu qabel it-tifla – fejn sar allegatament aggressiv, sewqan bl-addoċċ u nuqqas ta' interess fl-appuntamenti. L-attriċi tallega li l-familja tal-attur qatt ma aċċettawha bħala parti mill-familja tagħhom tant li qatt ma ħassitha milqugħa għandhom. Barra minn hekk tgħid li ma kellha l-ebda sapport minn naħa tagħhom.

Wara t-twelid tat-tifla, is-sitwazzjoni ma nbidlitx hekk kif il-prijoritajiet tal-attur baqgħu l-ħruġ, ix-xorb u l-ħbieb. B'hekk, a kuntrarju tal-konvenuta, l-attur kompla jpoġġi lilu nnifsu l-ewwel. Il-konvenuta tgħid li meta l-minuri kienet għadha tarbija, l-attur kien jirrifjuta li jqum mal-lejl, jew meta kienet tiġi t-tabiba ma kienx jindenja ruħu jinteressa ruħu x'għandha t-tifla iżda jibqa' jiekol fuq il-mejda. Għalhekk il-konvenuta tisħaq illi fl-aktar mumenti diffiċli, l-attur qatt ma kien preżenti biex iservi ta' sapport għaliha u t-tifla. L-istess jista' jingħad għar-relazzjoni tal-konvenuta mal-familja tal-attur, anzi skontha dejjem kien hemm sens ta' pika hekk kif kienu jħallu l-kelb viċin tat-tifla, u jpejpu ġewwa. Il-konvenuta tispjega ukoll li *"ir-raġuni ghaliex mhux dejjem hassejtni komda inhalli lit-tifla wehdiha ma' A jew mal-familja tieghu, hija ghax ma kontx inkun naf li ha jiehdu hsiebha sew. Omm A gieli qalet quddiemi stess, li meta t-tfal tagha kienu ghadhom zghar u ma kienux ikunu jridu jifqu jibku, kienet tbill il-gazaza taghhom fl-alcohol jew gieli taghthom il-Calpol. Jien ma rridx li dawn l-affarijiet isiru mat-tifla tieghi"*.[38]

[31] Fol. 331.
[32] Fol. 332.
[33] Fol. 333.
[34] Fol. 334.
[35] Fol. 335.
[36] Fol. 291.
[37] *Ibid.*
[38] Fol. 292.

Il-konvenuta tirritjeni illi t-tifla tassew tbati minn kundizzjon sejħa *immature swallowing reflex*, u jeżstu ċertifikati tat-tobba li jistabbilixxu dan – wieħed ta' Dr Pharrah Debono u ieħor tat-tabib tal-emerġenza ġewwa l-isptar. Il-konvenuta tikkontendi li qabel u fir-rigward ta' aċċess kien ikun hemm diversi problemi, iżda tikkonferma illi *"dan l-aħħar ma kienx qed ikun hemm problemi bil-ħinijiet tal-aċċess"*.[39] Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' manteniment, il-konvenuta tgħid illi bħalissa qed tirċievi manteniment ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, liema somma kienet ikkalkulata fuq l-introjtu ta' €800 fix-xahar li kien jaqla' l-attur. Madanakollu, il-konvenuta tispjega illi minn dak iż-żmien 'l hawn huwa laħaq sab xogħol b'paga għola, *"u għalhekk għandu jkun obligat li jagħti sehem li jirrifletti dan. Bhalissa s-sehem li qed nonfoq jiena biex inmantni lit-tifla huwa aktar minn dak ta' mitejn euro (EUR200) fix-xahar"*.[40] Il-bżonnijiet tat-tifla ma għadhomx l-istess, u b'hekk il-konvenuta tisħaq li l-ammont xieraq ta' manteniment ikun dak ta' tlett mitt ewro (EUR300) fix-xahar, kid ukoll nofs l-ispejjes ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extrakurrikulari.

Sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha, il-konvenuta resqet is-segwenti provi:

i. *Affidavit ta' ommha Maria Anna sive Miriam D, debitament maħluf nhar l-14 ta' Ottubru 2019 u ppreżentat il-15 ta' Ottubru 2019*;[41]

ii. *Affidavit ta' missierha Charles D, debitament maħluf nhar l-14 ta' Ottubru 2018 u ppreżentat il-15 ta' Ottubru 2019*;[42]

iii. *Numru ta' payslips*:

   a. Payslip ta' Mejju 2020, fejn id-dħul nett tagħha kien dak ta' €1,122.32;[43]
   b. Payslip ta' Ġunju 2020, fejn id-dħul nett tagħha kien dak ta' €536.52;[44]
   c. Payslip ta' Lulju 2020, fejn id-dħul nett tagħha kien dak ta' €1,125.86;[45]
   d. Payslip ta' Awwissu 2020, fejn id-dħul nett tagħha kien dak ta' €1,090.18;[46]
   e. Payslip ta' Settembru 2020, fejn id-dħu nett tagħha kien dak ta' €1,223.48;[47]

[39] Fol. 293.
[40] *Ibid.*
[41] Fol. 299.
[42] Fol. 302.
[43] Fol. 375.
[44] Fol. 376.
[45] Fol. 377.
[46] Fol. 378.
[47] Fol. 379.

iv. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[48] fejn ippreżenta:

a. L-*employment history* tal-attur,[49] fejn impjieg preżenti tiegħu huwa dak fil-pożizzjoni ta' *sampler* mal-Inspectorate Malta Ltd;
b. Ir-*reġistration history* tal-attur;[50]
c. L-*employment history* tal-konvenuta,[51] fejn impjieg preżenti tagħha huwa dak fil-pożizzjoni ta' *receptionist* ma' Steward Malta Personnel Limited;
d. Ir-*registration history* tal-konvenuta;[52]

v. *Ix-xhieda ta' Vanessa D'Amato in rappreżentanza ta' Burreau Veritas*, fejn ippreżentat:

a. Dokument datat 25 ta' Marzu 2019 dwar is-salarju tal-attur u ċjoe' €15,500 *per annum*;[53]
b. Kuntratt ta' impjieg tal-attur u dokumenti anċillari li jissemgħu fl-istess kuntratt;[54]
c. FS3 għas-sena bażi 2019, fejn id-dħu gross tal-attur kien dak ta' €19,409;[55]

vi. *Ix-xhieda ta' Maria Demanuele in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[56] fejn iddikjarat illi l-attur għandu ħames (5) kontijiet bankarji:

a. *Loan Account* bin-numru 087137709300;[57]
b. *Current Account* bin-numru 087137709001;[58]
c. *Loan Account* bin-numru 087137709340;[59]
d. *Loan Account* bin-numru 087137709245;[60]

[48] Fol. 143.
[49] Fol. 146.
[50] Fol. 148.
[51] Fol. 149.
[52] Fol. 150.
[53] Fol. 316.
[54] Fol. 336.
[55] Fol. 346.
[56] Fol. 144.
[57] Fol. 151, u mmarkat bħala Dok MD1.
[58] Fol. 152, u mmarkat bħala Dok. MD2.
[59] Fol. 209, u mmarkat bħala Dok. MD3.
[60] Fol. 211, u mmarkat bħala Dok MD4.

e. *Savings Account* bin-numru 013185434051,[61] l-istess kont li fih tiġi depożitata l-paga mensili.

In kontro-eżami,[62] il-konvenuta tgħid li minkejja l-episodji kollha ta' bejniethom hija qatt ma għamlet rapport lill-Pulizija għaliex hi dejjem ippruvat tirranġa s-sitwazzjoni.Tiddikjara li fil-preżent qiegħda taħdem ġewwa l-Isptar Karen Grech, u ppreżentat l-FS3 għas-sena bażi 2018 u 2019,[63] fejn id-dħul gross tagħha kien dak ta' €6,792.85 u €15,786.58 rispettivament. Il-konvenuta iddikjarat ukoll li fi spejjeż relatati mat-tifla hija tonfoq sitt mitt Ewro (€600) u dan oltre l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni, iżda fil-preżent ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-<u>kura u kustodja</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[64] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[65] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto*

[61] Fol. 215, u mmarkat bħala Dok MD5.
[62] Fol. 359, 387.
[63] Fol. 370 – 372.
[64] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[65] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**'[66] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[67] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**'[68] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[69] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*manteniment*</u>, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa'

[66] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[67] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[68] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[69] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad toħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse sia morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated*

*controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

### i. L-Ewwel Talba – *L-Attur jitlob li l-Kura u l-Kustodja tiġi Fdata lill-Partijiet Konġuntivament:*

Fil-każ odjern għalkemm l-attur jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita konġuntivament, min-naħa l-oħra l-konvenuta tisħaq li l-kura u kustodja għandha tkun esklussivament fdata lilha. Għal kull bon fini u f'dan ir-rigward, il-Qorti tara opportun li tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa rrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri,

iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Lura għal każ odjern u għalkemm fil-bidu tal-proċeduri l-konvenuta ma kienetx taqbel mat-talba tal-attur, konsegwentament u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-konvenuta tisħaq li *"gjaladarba r-rikorrent tul il-proceduri odjerni, dejjem ikkollabora maghha, il-kura u l-kustodja ghandha tkun kongunta bejn il-kontendenti f'dan li jirrigwarda deċiżjonijiet importanti ta' saħħa u edukazzjoni u cioe interventi u tibdil ta' skejjel u hrug u tigdid ta' passaport, filwaqt li deċiżjonijiet gornarjieri ghandhom jittiehdu mill-genitur li mieghu jew maghha tkun il-minuri f'dan il-waqt. Ir-residenza tal-minuri ghandha tkun mal-omm b'access kif intqal lejn l-missier".*[70]

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali, tas-sottomissjonijiet u l-provi tal-partijiet, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri kienet dejjem fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet. Fil-preżent H B D għadha minorenni u b'hekk għadha taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħha. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ilha minn dejjem taħt il-kura u kustodja konġunta tal-ġenituri tagħha, fejn tgħix ma' ommha filwaqt li għandha aċċess adegwat ma' missierha, il-Qorti tinsab konvinta li l-minuri daħlet f'rutina ta' ħajja, li mill-atti proċesswali ma jidhirx li tali rutina ma kienetx qiegħda taħdem jew li kienet qiegħda toħloq xi

[70] Fol. 405.

preġudizzju lil partijiet b'mod partikolari lil minuri nnifisha. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti taqbel illi l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' vesitita fiż-żewġ partijiet konġuntivament għaliex *in primis* dan ikun ta' benefiċċju għall-minuri u *di piu'* lill-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm raġuni partikolari għaliex għandha tizvesti ġenitur wieħed biss bil-kura u kustodja tal-imsemmija minuri.

Għaldaqstant il-Qorti tordna li l-kura u kustodja tal-minuri H B D għandha tkun vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet bħala l-ġenituri tagħha, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-konvenuta ġewwa Malta.

**ii. It-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Talba – *L-Attur jitlob Aċċess għall-Minuri:***

In vista li l-minuri għandha tibqa' tgħix mal-omm konvenuta, il-Qorti tara li l-attur għandu jkollu aċċess adegwat ma' bintu. Mill-atti jirriżulta ċar li din kienet l-iktar kwistjoni miġġielda mill-partijiet, fejn is-sitwazzjoni *pendente lite* kienet regolata permezz tas-segwenti digrieti:

a. **Digriet tal-15 ta' Novembru 2014**,[71] fejn wara rikors tal-attur tal-10 ta' Ottubru 2014,[72] il-Qorti akkordat aċċess lir-rikorrent għall-minuri fil-preżenza tal-omm nhar ta' Tlieta mill-5pm sas-6pm u nhar ta' Sibt mill-10am sa nofsinhar;

b. **Digriet tas-17 ta' Awwissu 2015**,[73] fejn wara rikors tal-attur tat-12 ta' Ġunju 2015,[74] u r-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea,[75] il-Qorti ordnat li r-rikorrenti jattendi kors ta' Dr Pharrah Debono jew kors simili jew illi r-rikorrent iressaq prova li l-kors li għamel tal-First Aid huwa suffiċjenti biex il-minuri tkun fis-sikur jekk jaraha mingħajr is-superviżjoni ta' C D, jew iressaq prova li l-minuri mhux veru li tbati mill-kundizzjoni in kwistjoni;[76]

c. **Digriet tad-19 ta' Novembru 2015**,[77] fejn wara rikors tal-attur tad-9 ta' Novembru 2015,[78] il-Qorti ordnat *"aċċess lil missier għall-minuri kull nhar*

[71] Fol. 9.
[72] Fol. 8.
[73] Fol. 48.
[74] Fol. 34.
[75] Fol. 44.
[76] Fol. 48.
[77] Fol. 60.
[78] Fol. 51.

*ta' Tnejn u Erbgħa bejn il-5.30pm u s-7.30pm u nhar ta' Sibt bejn is-1.00pm u l-5.00pm, b'dan illi l-missier jieħu lill-minuri fir-residenza tal-familja tiegħu, mingħajr il-preżenza tal-omm. Ir-rikorrent għandu jassigura illi l-minuri tintrabat fil-car seat fil-karozza u għandu jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-omm u jerġa' jirritornaha hemm fit-tmiem l-aċċess"*;

d. **Digriet tal-5 ta' Novembru 2018**,[79] fejn wara rikors tal-attur tat-18 ta' Ottubru 2018,[80] il-Qorti: (i) ikkonfermat l-aċċess ta' fost il-ġimgħa ta' kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5.30pm sas-7.30pm, (ii) Estendiet l-istess aċċess ta' fost il-ġimgħa b'siegħa fil-perjodu li fih il-minuri tkun qiegħda tgawdi l-vaganzi tas-sajf, (iii) akkordat aċċess ta' tlett (3) sigħat f'Jum il-Missier u f'għeluq sninu, (iv) akkoradat aċċess ta' tlett (3) sigħat f'għeluq snin il-minuri, (v) akkordat aċċess b'mod alternat matul il-perjodu tal-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena, b'dana illi l-aċċess jiġi eżerċitat f'Jum il-Milied u l-lejliet l-Ewwel tas-Sena, u s-sena sussegwenti, l-attur jaċċeddi għal minuri lejliet il-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena, filwaqt li ħatret lil Dr Stephanie Galea bħala Avukat tat-Tfal sabiex wara li titkellem mal-minuri, tirrelata dwar it-tielet talba;

e. **Digriet tat-8 ta' Jannar 2019**,[81] fejn wara li rat ir-rapport ta' Dr Stephanie Galea, il-Qorti akkordat lill-attur aċċess bi *sleepover* matul tmiem il-ġimgħa b'mod alternat mill-Ġimgħa fil-5.30pm sal-għada s-Sibt fil-5.30pm, u l-ġimgħa sussegwenti mis-Sibt fil-5.30pm sal-Ħadd fil-5.30pm.(u ċaħdet f'dan l-istadju t-talbiet l-oħra).

Għaldaqstant, l-aċċess fil-preżent qiegħed jiġi eżerċitat hekk:

a. Aċċess kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5.30pm sas-7.30pm, b'dana illi matul il-vaganzi tas-sajf tal-minuri, tali aċċess jiġi estiż sat-8.30pm;
b. Aċċess fi tmiem il-ġimgħa bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa fil-5.30pm sal-għada s-Sibt fil-5.30pm, u l-ġimgħa sussegwenti mis-Sibt fil-5.30pm sal-Ħadd fil-5.30pm;
c. Aċċess ta' tlett (3) sigħat: (i) f'Jum il-Missier, (ii) f'għeluq snin l-attur, (iii) f'għeluq snin il-minuri;

[79] Fol. 124.
[80] Fol. 116.
[81] Fol. 126.

d. Aċċess b'mod alternat matul il-perjodu tal-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena, b'dana illi l-aċċess jiġi eżerċitat f'Jum il-Milied u l-lejliet l-Ewwel tas-Sena, u s-sena sussegwenti, l-attur jaċċeddi għal minuri lejliet il-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena.

Fil-fehma tal-attur dan l-aċċess huwa wieħed li jaħdem, tant li *"l-partijiet naqsu ħafna mill-ekwivoku u d-diverbju li kellhom sa dan il-punt fir-rigward tal-access u fil-fatt, la l-esponent ma rega' talab ghal xi tip ta' varjazzjoni u lanqas ma jidher li kien hemm xi oggezzjoni ghall-istess da parti l-omm b'xi talbiet taghha"*.[82] Dan fil-fatt taqbel miegħu ukoll il-konvenuta.[83] Madanakollu, l-attur jisħaq illi in vista tal-fatt li l-minuri għandha disa' (9) snin u għandha relazzjoni eċċezzjonali ma' missierha, is-sitwazzjoni timmerita li tiġi mistħarġa mill-ġdid sabiex ikun hemm varjazzjonijiet żgħar fir-rigward tal-aċċess, iżda min-naħa l-oħra l-konvenuta ma taqbilx totalment ma' tali varjazzjonijiet:

| Suġġerimenti tal-Attur Rigward l-Aċċess | Suġġerimenti tal-Konvenuta rigward l-Aċċess |
|---|---|
| | |
| Fost il-ġimgħa fil-perjodu skolastiku, l-aċċess għandu jkun kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5.30pm sat-8.30pm, b'dana illi l-istess ħinijiet jiġu estiżi b'siegħa fil-perjodu meta l-minuri ma tkunx qiegħda tattendi skola, inkluż u mhux limitatament għall-btajjel tas-Sajf, Milied, Għid, u Karnival | Fil-ġranet skolastiċi kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa l-aċċess għandu jibqa' bejn l-5.30pm sas-7.30pm in vista li l-għada l-minuri tkun skola, madanakollu ma topponix li fix-xhur tas-sajf l-aċċess ikun mill-5.30pm sad-9.30pm |
| | |
| Aċċess matul tmiem il-ġimgħa bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt fil-5.30pm, u l-ġimgħa sussegwenti mis-Sibt fil-5.30pm sal-Ħadd fil-5.30pm, b'dana illi fil-perjodu estivi għandu jiġi eżerċitat ukoll *sleepover* addizzjonali nhar ta' Erbgħa sal-għada l-Ħamis fl-istess ħinijiet | Taqbel illi jkun hemm *sleepover* fi tmiem il-ġimgħa, u kif ukoll li jkun hemm *sleepover* ulterjuri fis-sajf mill-Erbgħa għall-Ħamis mill-5.30pm sal-5.30pm |
| | |

[82] Fol. 395.
[83] Fol. 403.

| | |
|---|---|
| F'Jum il-Missier, il-minuri għandha tqatta' tali jum sħiħ ma' missierha, b'dana illi l-istess għandu japplika fil-konfront tal-konvenuta f'Jum l-Omm | Taqbel li l-attur ikollu aċċess f'Jum il-Missier b'dana illi l-i*sleepover* f'dak il-*weekend* ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-5.30pm sal-5.30pm, filwaqt li f'Jum l-Omm l-aċċess tal-attur ikun mill-Ġimgħa sas-Sibt mill-5.30pm sal-5.30pm |
| | |
| F'għeluq snin il-minuri, l-attur għandu jkollu aċċess  għal nofs ġurnata b'mod alternat | F'għeluq snin il-minuri, l-attur għandu jiġbor lill-minuri mit-3.30pm sas-6.30pm |
| | |
| F'għeluq snin l-attur, il-minuri għandha tqatta' tali jum sħiħ ma' missierha, b'dana illi l-istess għandu japplika fil-konfront tal-konvenuta f'għeluq sninha | F'għeluq snin l-attur, għandu jkollu aċċess għall-minuri mit-3.30pm sas-7.30pm, filwaqt li f'għeluq snin il-konvenuta l-aċċess tal-missier jintilef iżda jiġi sostitwit b'ġurnata oħra bi qbil bejn il-partijiet |
| | |
| Aċċess għal minuri fil-festi pubbliċi b'mod alternat, b'dana illi għandu jkun hemm ukoll *sleepover* lejliet tali festi | Taqbel li jalternaw bejniethom il-festi pubbliċi, u li jkun hemm *sleepover* lejliet dik il-festa li l-minuri tkun ser tqatta' ma' missierha |
| | |
| Fil-perjodi festivi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-partijiet għandhom jalternaw bejniethom u jqattgħu dawn il-jiem flimkien mal-minuri bi *sleepovers* ta' 24 siegħa b'dana illi l-aċċess jiġi eżerċitat f'Jum il-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena, u s-sena sussegwenti l-attur jaċċedi għal minuri lejliet il-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena | Fil-perjodi festivi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru sal-25 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-5.30pm u mill-1 ta' Jannar sat-2 ta' Jannar mill-5.30pm sal-5.30pm, mentri fis-sena sussegwenti l-aċċess ikun mill-25 ta' Diċembru sas-26 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-5.30pm u mill-31 ta' Diċembru sal-1 ta' Jannar mill-5.30pm sal-5.30pm. u jibqa' jalterna minn sena għal sena, b'dana illi f'dik il-ġimgħa l-i*sleepover* ikun biss f'dan il-ġranet u mhux fil-*weekend* ukoll pero' jibqa' l-aċċess tat-Tnejn u l-Erbgħa jekk dawn ma jkunux ġranet tal-i*sleepover* |

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-suġġerimenti tal-partijiet, tasal għal konklużjoni illi l-aċċess favur l-attur għandu jkun hekk:

a. *Fost il-ġimgħa*, kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5pm sas-7.30pm fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollha l-vakanzi jiġi estiż sad-9.30pm;

b. *Fi tmiem il-ġimgħa*, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt fil-5.30pm, u l-ġimgħa sussegwenti mis-Sibt fil-5.30pm sal-Ħadd fil-5.30pm, b'dana illi fil-vakanzi tal-minuri għandu jiġi eżerċitat ukoll *sleepover* addizzjonali nhar ta' Erbgħa sal-għada l-Ħamis;

c. *F'għeluq snin il-minuri*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-i*sleepover* fil-*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

d. *F'għeluq snin il-missier*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-*ispleepover* għal dak il-*weekend* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-7pm sas-Sibt sal-10pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-*isleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fid-9pm;

e. *F'għeluq snin l-omm*: (i) meta tali ġurnata taħbat it-Tnejn jew l-Erbgħa meta jkun imissu l-aċċess l-attur, tali aċċess għandu jintilef b'dana li jiġi l-aċċess jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-i*sleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-3pm sas-Sibt 7.30am, u għal dak il-*weekend* biss ikollu dritt ukoll għal aċċess ma' bintu l-Ħadd mill-11am sal-5pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

f. *Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier*, l-i*sleepover* għal dak il-*weekend* ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-5.30pm sal-5.30pm;

g. *Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm*, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

h. *Fil-festi pubbliċi li jaħbtu matul il-ġimgħa*, il-partijiet għandhom igawdu tali ġurnata flimkien ma' binthom b'mod alternat, b'dana illi jkun hemm hemm *sleepover* lejliet dik il-festa li l-minuri tkun ser tqatta' mal-attur mill-5.30pm sal-5.30pm. L-ewwel festa pubblika wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat għandha tiġi mgawdija mill-attur ma' bintu;

i. *F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied*, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-25 ta' Diċembru sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil-5.30pm sas-26 ta' Diċembru sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari: (i) f'każ li l-Lejliet il-Milied u l-Milied jaħbtu bejn it-Tnejn u l-Ħamis, l-i*sleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali, u (ii) f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd, l-i*sleepover* ta' fost il-ġimgħa meta l-minuri jkollha l-vakanzi xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

j. *F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena*, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil-5.30pm sat-2 ta' Jannar sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil-5.30pm sal-1 ta' Jannar sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari: (i) f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn it-Tnejn u l-Ħamis, l-i*sleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali, u (ii) f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd, l-i*sleepover* ta' fost il-ġimgħa meta l-minuri jkollha l-vakanzi xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali.

**iii. Il-Ħames Talba – *L-Attur jitlob li jiġi Stabbilit Manteniment Pagabbli għall-Minuri*:**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tara illi din il-kwistjoni ġiet ukoll regolata *pendente lite,* u d-digrieti mogħtija f'dan is-sens huma s-segwenti:

a. **Digriet tat-2 ta' Diċembru 2014,**[84] wara rikors tal-konvenuta tal-11 ta' Novembru 2014,[85] il-Qorti, *inter alia*, laqgħat it-talba rigward il-manteniment preżenti u ġiet likwidata s-somma ta' manteniment fl-ammont ta' €250 kull erba (4) ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzoni u liema manteniment għandu jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;

b. **Digriet tat-8 ta' Ġunju 2020,**[86] wara rikors tal-konvenuta tat-18 ta' Mejju 2020,[87] il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-konvenuta u ċjoe': (i) awmentat il-manteniment għal €300 kull erba' (4) ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet etra-kurrikulari, u (ii) liema somma togħola kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

Il-Qorti rat illi ż-żewġ partijiet għandhom l-introjtu tagħhom u li bejn wieħed u ieħor għandhom dħul simili għal xulxin. F'dan ir-rigward, l-attur jikkontendi illi *"ġialadarba ġie pprovat illi l-partijiet ghandhom dhul piu o meno identiku l-manteniment ghandhom jikkontribwixxu ghalih b'mod ugwali. Illi in oltre, illum il-manteniment huwa stabbilit wara li fuq talba tal-intimata stess il-manteniment gie degretat fis-sens illi llum hemm digriet li ghandu jithallas l-ammont ta' tlett mitt ewro (EUR300) kull erba' gimghat. Illi dan l-ammont ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti kif intqal ġie pprovat li qiegħed jitħallas, il-partijiet jidher li huma kuntenti bih u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda varjazzjoni tiegħu issa f'din l-aħħar fażi tal-kawża".*[88] Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tissottometti illi *"hemm qbil li l-manteniment ikun fis-somma ta' Eur300 kull erba' ġimgħat pero tenut kont l-eta' tat-tifla (9 snin) dan għandu jogħla skond l-għoli tal-ħajja Kap 158 kull sena oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni liema manteniment għandu jitħallas sakemm t-tifla ikollha 18 il-sena jekk tieqaf mill-istudji u sa 23 jekk tkompli tistudja. Jekk it-tifla tmur tirrisjedi għal rasha l-manteniment jiġi mħallas direttament lilha u kull summer job jew part-time job ma hux jintitola ir-rikorrent sabiex jaqta' l-manteniment dovut għall-bint".*[89]

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-attur sabiex iħallas lill-konvenuta s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) f'manteniment kull erba' (4)

[84] Fol. 17.
[85] Fol. 15.
[86] Fol. 357.
[87] Fol. 350.
[88] Fol. 399.
[89] Fol. 405.

ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal H B D sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-konvenuta għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

**iv. Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:**

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

a. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tibqa' vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet, iżda l-minuri ser tkun qiegħda tirrisjedi flimkien ma' ommha filwaqt li l-missier ikollu dritt għall-aċċess adegwat, il-Qorti tordna ukoll illi:

   i. <u>*Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja*</u> għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu: inkluż dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, filwaqt li,

ii. <u>*Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja*</u> li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

b. L-attur għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha; u,

c. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-konvenuta; u,

d. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-attur u jiġi depożitat direttament lill-konvenuta f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess.

**v. Spejjeż relatati mal-Kawża Odjerna:**

Kwistjoni li dwarha ma hemmx qbil bejn il-partijiet hija l-ispejjeż tal-azzjoni odjerna.

Il-Qorti tara illi l-attur jikkontendi illi: *"dawn il-proceduri kif gia intqal kellhom isiru wara insistenza liema bhalha li l-esponent jigi mcahhad mill-access, jew li jinghata biss l-access estremament ristrett ghal dak li kienet komda bih l-intimata – ftit tal-minuti fil-komun tal-appartament tal-genituri taghha u mkien iktar. (...) Illi fil-fatt dan kien l-animu tal-intimata matul dawn il-proceduri li bid-dovut rispett ftit li xejn kellhom ghafejn jitwalu b'dan il-mod. Fil-fatt kienet l-intimata stess li ammettiet li hi ma kienet lesta tikkoncedi xejn ghajr dak li tigi ordnata ghalih b'digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti u gialadarba allura l-kawza kellha ssir inizjalment, u tkompliet b'da il-mod sas-sentenza finali konsegwenza tal-*

*għebusija ta' rasha u l-intransigenza inspjegabbli taghha allura ghandha tkun hi li tbati l-ispejjez taghha".*[90]

Min-naħa l-oħra l-konvenuta tgħid illi *"ma thossx li ghandha tbati l-ispejjez tal-proceduri kif qed jitlob r-rikorrent u dan peress li kif intqal hija oggezzjonat ghat-talbiet biss u diment li r-rikorrent, kien u baqa' jirrifjuta li jiehu t-tahrig li kellu bzonn; kif del resto wkoll ordat din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt kif intqal wara diversi rikorsi tar-rikorrent kemm fl-atti tal-medjazzjoni u fil-bidu tal-proceduri odjerni, liema ġew miċħuda, finalment il-Missier ha t-taħrig mehtieg li kienet tinsisti fuq l-esponenti (u anke l-Qorti) biex b'hekk gharaf u indirizza n-nuqqas tieghu. (...) Finalment l-esponenti bhalha omm zaghzugha bl-ewwel tarbija taghha ma riedet xejn hlief serhan tal-mohh li l-Missier kien ha t-tahrig necessarju, bhala, biex f'kaz ta' bzonn isalva hajjet bintu u fil-fatt wara li huwa ha l-imsemmi tahrig, f'kull risposta intavolata minnha, hi m'oggezzjonat qatt ghall-access tieghu mal-minuri u ghalhekk ma thossx li ghandha tbati l-ispejjez tal-proceduri stante li dak li l-esponent talbet kien gustifikat. (...) Ghalhekk u umilment tissottometti li hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din l-procedura li ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet jew allokati lir-rikorrent".*[91]

Il-Qorti tara illi l-kwistjoni kollha ddur mal-fatt jekk il-minuri verament issofrix *o meno* mill-kundizzjoni tal-*immature swallowing reflex* u jekk tali kundizzjoni kienetx qiegħda sservi bħala għodda sabiex l-attur jiġi prekluż milli jkollu aċċess adegwat mal-minuri bintu tant li kellu jipproċedi bl-azzjoni odjerna. Fil-fehma tal-Qorti, l-fulkrum kollu għaliex infetħet il-kawża odjerna huwa proprju għaliex ma kienx hemm kompromess bejn il-partijiet, fejn l-attur jgħid li bintu mhux minnu li tbati minn din il-kundizzjoni, filwaqt li l-konvenuta tisħaq li l-attur ma riedx jagħmel il-kors mal-pedjatra tal-minuri Dr Pharrah Debono sabiex jitħarreġ dwar il-kundizzjoni u x'għandu jagħmel x'każ li l-minuri jagħtiha attakk, u b'hekk ma riditx tafda lil minuri mal-attur waħedha għaliex ma kienx ser ikollha s-serħan tal-moħħ.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma tistgħax taħbi it-tħassib tagħha dwar dan l-aġir infantili taż-żewġ partijiet, u dan għaliex din il-kawża setgħat faċilment tiġi evitata bi sforz u kompress taż-żewġ partijiet. Minnflok dak li ġara huwa li t-tnejn li huma ppuntaw subgħajhom lejn xulxin u dan mingħajr ma ħadd minnhom ma

[90] Fol. 400.
[91] Fol. 406.

pprova b'mod sodisfaċjenti l-allegazzjonijiet vvantati minnhom. Fil-fatt il-Qorti kienet tistenna ferm li titressaq ix-xhieda tat-tabiba Dr Pharrah Debono, u dan stante li:

i. Hija allegatament it-tabiba tal-minuri sa minn mindu kellha għaxar xhur u b'hekk taf l-istorja medika tagħha;

ii. Ma kienx biżżejjed illi l-atttur iressaq dokument imsejjaħ *"Nurses Check List"* sabiex isaħħaħ l-argument tiegħu li bintu mhux minnu ma tbatix mill-kundizzjoni in kwistjoni, hekk kif *in primis* tali dokument ma huwiex awtentikat u *di piu'* l-Qorti ma għandha l-ebda ħjiel kif l-attur ġie fil-pussess ta' dan id-dokument. L-attur kellu kull obbligu li *se mai* jresaq rappreżentant tal-awtoritajiet tas-saħħa sabiex jippreżenta l-*file* mediku tal-minuri u barra minn hekk iressaq ukoll ix-xhieda ta' Dr Pharrah Debono sabiex:

   a. Tikkonferma *o meno* jekk l-*first aid course* kienx biżżejjed bħala taħriġ għal tali kundizzjoni;
   b. Tikkonferma *o meno* l-allegazzjonijiet tal-attur li ma riditx tagħmillu l-kors,[92] u,
   c. Tikkonferma *o meno* jekk ċ-ċertifikat tat-taħriġ maħruħ lill-konvenuta sarx bi pjaċir u fuq insistenza tagħha stess.[93]

Il-Qorti ssibha ferm diffiċli kif minkejja li saru tali allegazzjonijiet, il-partijiet lanqas biss resqu lil Dr Pharrah Debono bħala xhud, jew tal-inqas iressqu domandi f'dan ir-rigward fil-kontro-eżamijiet. Għaldaqstant il-Qorti hija moralment konvinta li n-nuqqas għal kompromess huwa dovut liż-żewġ partijiet minħabba nuqqas ta' maturita' u għebusija ta' ras. B'hekk il-Qorti tara li f'tali każ ikun idoneju illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, u konsegwentament taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

---

[92] Kif stqarr quddiem l-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, a fol. 44.
[93] Fol. 116.

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri H B D tkun vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-konvenuta ġewwa Malta f'dak il-fond li l-konvenuta stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' talba u tordna li l-aċċess tal-attur ikun:

   a. *Fost il-ġimgħa*, kull nhar ta' Tnejn u Erbgħa mill-5pm sas-7.30pm fil-perjodu skolastiku, b'dana illi l-istess aċċess fil-perjodu fejn l-minuri jkollha l-vakanzi jiġi estiż sad-9.30pm;

   b. *Fi tmiem il-ġimgħa*, għandu jkun hemm aċċess bi *sleepover* b'mod alternat mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt fil-5.30pm, u l-ġimgħa sussegwenti mis-Sibt fil-5.30pm sal-Ħadd fil-5.30pm, b'dana illi fil-vakanzi tal-minuri għandu jiġi eżerċitat ukoll *sleepover* addizzjonali nhar ta' Erbgħa sal-għada l-Ħamis;

   c. *F'għeluq snin il-minuri*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mit-3pm sas-6pm, u s-sena ta' wara mis-6pm sad-9pm, u (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, l-attur għandu jiġbor lill-minuri b'mod alternat mid-9am sat-3pm, u s-sena ta' wara mit-3pm sad-9pm, u l-i*sleepover* fil-*weekend* meta għeluq snin il-minuri jaħbat fi tmiem il-ġimgħa għandu jkun skont il-ftehim tal-partijiet;

   d. *F'għeluq snin il-missier*: (i) meta tali ġurnata taħbat fost il-ġimgħa l-attur għandu jiġbor lill-minuri mit-3pm sas-7.30pm, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-i*spleepover* għal dak il-*weekend* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-7pm sas-Sibt sal-10pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għal dak il-weekend għandu jkun mis-Sibt fis-6pm sal-Ħadd fid-9pm;

   e. *F'għeluq snin l-omm*: (i) meta tali ġurnata taħbat it-Tnejn jew l-Erbgħa meta jkun imissu l-aċċess l-attur, tali aċċess għandu jintilef b'dana li jiġi l-aċċess jiġi eżerċitat l-għada fl-istess ħinijiet, (ii) meta tali ġurnata taħbat is-Sibt, l-i*sleepover* għandu jsir mill-Ġimgħa fit-3pm sas-Sibt 7.30am, u għal dak il-*weekend* biss ikollu dritt ukoll għal aċċess ma'

bintu l-Ħadd mill-11am sal-5pm, u (iii) meta tali ġurnata taħbat il-Ħadd, l-i*sleepover* għandu jsir l-Ġimgħa mill-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

f. *Dak il-Ħadd li jaħbat Jum il-Missier*, l-i*sleepover* għal dak il-*weekend* ikun mis-Sibt għal Ħadd mill-5.30pm sal-5.30pm;

g. *Dak il-Ħadd li jaħbat Jum l-Omm*, għal dak il-*weekend* partikolari, l-*isleepover* għandu jkun mill-Ġimgħa fil-5.30pm sas-Sibt sal-5.30pm;

h. *Fil-festi pubbliċi li jaħbtu matul il-ġimgħa*, il-partijiet għandhom igawdu tali ġurnata flimkien ma' binthom b'mod alternat, b'dana illi jkun hemm hemm *sleepover* lejliet dik il-festa li l-minuri tkun ser tqatta' mal-attur mill-5.30pm sal-5.30pm. L-ewwel festa pubblika wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat għandha tiġi mgawdija mill-attur ma' bintu;

i. *F'Lejliet il-Milied u Jum il-Milied*, għall-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-24 ta' Diċembru mill-5.30pm sal-25 ta' Diċembru sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-25 ta' Diċembru fil-5.30pm sas-26 ta' Diċembru sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari: (i) f'każ li l-Lejliet il-Milied u l-Milied jaħbtu bejn it-Tnejn u l-Ħamis, l-i*sleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali, u (ii) f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd, l-i*sleepover* ta' fost il-ġimgħa meta l-minuri jkollha l-vakanzi xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

j. *F'Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena*, għal-ewwel sena wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u b'mod alternat, l-attur ikollu aċċess bi *sleepover* mill-1 ta' Jannar fil-5.30pm sat-2 ta' Jannar sal-5.30pm, u fis-sena sussegwenti mill-31 ta' Jannar fil-5.30pm sal-1 ta' Jannar sal-5.30pm, b'dana illi f'dik il-ġimgħa partikolari: (i) f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn it-Tnejn u l-Ħamis, l-i*sleepover* tal-*weekend* xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali, u (ii) f'każ li l-Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena jaħbtu bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd, l-i*sleepover* ta' fost il-ġimgħa meta l-minuri jkollha l-vakanzi xorta waħda għandu jiġi eżerċitat b'mod normali;

3. Tilqa' limitatament il-ħames talba fis-sens illi tallontana ruħha mid-digriet *pedente lite* tat-2 ta' Diċembru 2014 u konsegwentament tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) f'manteniment kull erba' (4) ġimgħat, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-attur huwa obbligat li jħallas manteniment għal H B D sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-konvenuta għan-nom tal-minuri. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

4. Tilqa' is-sitt talba u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li:

   a. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tibqa' vestita konġuntivament fiż-żewġ partijiet, iżda l-minuri ser tkun qiegħda tirrisjedi flimkien ma' ommha filwaqt li l-missier ikollu dritt għall-aċċess adegwat:

      i. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu: inkluż dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri, filwaqt li,

      ii. Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet.;

b. L-attur għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri tkun ma tiflaħx jew rikoverata l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day*, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħha;

c. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-konvenuta; u,

d. Il-manteniment għandu jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-attur u jiġi depożitat direttament lill-konvenuta f'dak il-kont bankarju indikat minnha stess.

Bl-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.